



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Fajl Interistituzzjonal:  
2024/0159 (NLE)

Brussell, 5 ta' Settembru 2024  
(OR. en)

12189/24  
COR 1

LIMITE

PECHE 286

## ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Protokoll dwar l-implementazzjoni tal-Ftehim ta' Šhubija fis-Settur tas-Sajd  
bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Guinea-Bissau (2024–2029)

Il-paġna P/EU/GW/mt 16 hija sostitwita bil-paġna li ġejja.

## ARTIKOLU 12

### Integrazzjoni ekonomika tal-operaturi tal-Unjoni fis-settur tas-sajd tal-Guinea-Bissau

1. Il-Partijiet għandhom jinrabtu li jippromwovu l-integrazzjoni ekonomika tal-operaturi tal-Unjoni fis-settur kollu tas-sajd tal-Guinea-Bissau, b'mod partikolari billi jistabbilixxu l-impriżi konġunti u billi joħolqu l-infrastrutturi.
2. Il-Partijiet għandhom jikkoperaw bejniethom sabiex joħolqu sensibilizzazzjoni fost l-operaturi tal-Unjoni tas-settur privat dwar l-opportunitajiet kummerċjali u industrijali, b'mod partikolari b'rabta mal-investimenti diretti, li jeżistu fis-settur kollu tas-sajd tal-Guinea-Bissau.
3. Bl-istess objettiv, il-Guinea-Bissau tista' tagħti wkoll incenovi lill-operaturi tal-Unjoni li jwettqu dawn l-investimenti.
4. Il-Partijiet għandhom jikkoperaw biex jidtegħi opportunitajiet ta' investiment u strumenti ta' finanzjament għall-implementazzjoni tal-azzjonijiet jew tal-proġetti identifikati, b'mod partikolari fil-qafas tal-strumenti ta' finanzjament eżistenti tal-Unjoni.
5. Ladarba tīgħi ssodisfata kull kundizzjoni teknika meħtieġa, il-partijiet għandhom jikkoperaw biex jipromwovu l-kummerċjalizzazzjoni tal-qabdet li jkunu saru mill-bastimenti tal-Unjoni fil-Guinea-Bissau lejn is-suq tal-Unjoni.
6. Il-partijiet għandhom jappoġġaw l-istabbiliment ta' grupp ta' ħidma bl-għan li jidtegħi u jappoġġa proġetti ta' investiment u jiffaċilita l-ksib ta' finanzjament, kemm bilateralment kif ukoll multilateralment.
7. Kull sena, il-Kumitat Konġunt jirrapporta dwar l-implementazzjoni ta' dan l-Artikolu.